

32004D0405

29.4.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 132/2

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tad-19 ta' April 2004****li temenda l-Artikolu 29(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej**

(2004/405/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 64 tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja,

Skond il-proċedura msemmija fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 245 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea u t-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 160 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidra t-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Novembru 2003,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Marzu 2004,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni ta' l-1 ta' Marzu 2004,

Billi:

Mad-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾, il-lingwi uffiċjali ġodda, jiġifieri iċ-Ċek, l-Estonjan, l-Ungeriż, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, il-Pollakk, is-Slovakk u s-Sloven, għandhom jiġdiedu mal-lista ta' lingwi tal-każ previst fl-Artikolu 29(1) tar-Regoli ta' proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tad-19 ta' Ġunju 1991 (ĠU L 176, ta' l-4.7.1991, p. 7,

Korriġendum: ĠU L 383, tad-29.12.1992, p. 117), kif emendati fil-21 ta' Frar 1995 (ĠU L 44, tat-28.2.1995, p. 61), fil-11 ta' Marzu 1997 (ĠU L 103, tad-19.4.1997, p. 1, Korriġendum: ĠU L 351, tat-23.12.1997, p. 72), fis-16 ta' Mejju 2000 (ĠU L 122, ta' l-24.5.2000, p. 43), fit-28 ta' Novembru 2000 (ĠU L 322, tad-19.12.2000, p. 1), fit-3 ta' April 2001 (ĠU L 119, tas-27.4.2001, p. 1), fis-17 ta' Settembru 2002 (ĠU L 272, ta' l-10.10.2002, p. 24, Korriġendum: ĠU L 272, tad-19.10.2002, p. 24), u fit-8 ta' April 2003 (ĠU L 147, ta' l-14.6.2003, p. 17), huma hawnhekk emendati kif ġej:

L-Artikolu 29(1) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Il-lingwa ta' każ għandha tkun iċ-Ċek, Daniż, Olandiż, Ingliż, Estonjan, Finlandiż, Franċiż, Ġermaniż, Grieg, Ungeriż, Irlandiż, Taljan, Latvjan, Litwan, Malti, Pollakk, Portugiż, Slovakk, Sloven, Spanjol jew Svediż."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-istess ħin bħat-Trattat dwar l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea.

It-testi tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja biċ-Ċek, bl-Estonjan, bl-Ungeriż, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bil-Pollakk, bis-Slovakk u bis-Sloven għandhom jiġu adottati wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat imsemmi fl-ewwel paragrafu.

Magħmul fi Brussel, fid-19 ta' April 2004.

*Fisem il-Kunsill**Il-President*

B. COWEN

(¹) ĠU L 236, 23.09.2003, p. 17.